# KAPPELLA TA' SAN ANARD
## fil-Mosta

*Kitba ta' MARIO FENECH*

Għalkemm f'Malta u Għawdex għandna knisja parrokkjali waħda biss li hija ddedikata lil San Anard, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis insibuha mifruxa f'diversi knejjes oħrajn, kappelli, niċeċ fit-toroq kif ukoll issir festa f'ġieh dan il-qaddis fil-Mosta.

Fil-Mosta nsibu kappella ħelwa ħafna ddedikata lil San Anard li tinsab ftit 'il bogħod mir-Rotunda. Minn din il-kappella, f'lejlet il-festa ta' Santa Marija toħroġ it-Translazzjoni bir-Relikwija tal-Madonna, u anke meta jsir xi funeral ta' xi qassis jew personalità distinta l-korteo jitlaq minn din il-kappella għall-Knisja Arċipretali.



Din il-kappella kienet diġà teżisti fl-1575 meta kien għamel il-viżta pastorali tiegħu fil-Mosta Monsinjur Duzina. Ġiet mibnija mill-ġdid fl-1658 bil-flus ta' Bernarda Mangion u dan nafuh skond l-atti tan-Nutar Paolo Fenech tal-15 ta' Marzu 1658. Fl-1907, Anġlu Camilleri bena l-kampnar li fih imbagħad ġew imqiegħda tliet qniepen.

Il-kwadru ta' l-altar huwa xogħol ta' Filippo Dingli u dan sar fl-1640. Fih naraw il-Madonna tal-Grazzja, San Anard, San Ġwann l-Għammiedi u San Bernard. Fin-naħa ta' isfel tal-kwadru hemm l-erwieħ tal-Purgatorju. Ftit 'il fuq mill-kwadru hemm skrizzjoni bil-Latin li tgħid "Captirovorum Salvator", jiġifieri "Ħellies ta' l-Insara". Dan għaliex San Leonardu kien meqjus bħala l-protettur ta' l-ilsiera.

Fost l-apparat li jintrama fil-festa ta' dan il-qaddis li ssir f'wieħed mill-Ħdud tax-xahar ta' Novembru, hemm ventaltar li fih hemm impittra l-magħmudija ta' San Anard. Il-knisja tkun armata wkoll bid-damask, linef, lampier, żewġ settijiet ta' gandlieri orjentali u vażun bil-fjuretti. Il-kappella fiha tliet statwi, dik ta' San Anard li kien ħallas għaliha Pacifico Sammut, il-Madonna tar-Rużarju li ħallas għaliha Gio Marija Mifsud u statwa ta' Sant'Antnin li tħallset minn Dun Karm Dingli. Il-Prokuratur tal-kappella

huwa l-Arċipriet tal-Mosta, filwaqt li jieħu ħsiebha r-rettur Raymond Grech. Minbarra l-festa ta' San Anard li ssir fil-Ħadd ta' wara s-6 ta' Novembru, issir ukoll il-festa tal-Madonna ta' Pompei fit-8 ta' Mejju u l-festa ta' Sant'Antnin li ssir fit-13 ta' Ġunju.

Il-Kappella tintuża spiss għal-laqgħat ta'



*Il-kappella ta' San Anard fil-Mosta*



*Il-kappella ta' San Anard armata għall-festa*

talb, fosthom il-grupp ta' San Anard, tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla u l-grupp ta' Nazju Falzon.

Din il-kappella hija waħda miżmuma tajjeb ħafna u għandha tkun eżempju ta' kif għandhom jigu miżmuma u użati l-kappelli żgħar l-oħrajn li għandna mxerrdin mal-gżejjer Maltin.